

Brussell, 17 ta' Awwissu 2018  
(OR. en)

11635/18

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2018/0307 (NLE)**

---

**COASI 209**  
**ASIE 41**  
**AUS 1**  
**WTO 213**  
**COCON 15**

## **PROPOSTA**

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Awwissu 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	JOIN(2018) 25 final
Suġġett:	Proposta Konġunta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-Awstralja, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet tal-Komitat Konġunt dwar ir-Regoli ta' proċedura tal-Komitat Konġunt u l-adozzjoni tat-termini ta' referenza tas-sottokomitati u l-gruppi ta' ħidma

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument JOIN(2018) 25 final.

---

Mehmuż: JOIN(2018) 25 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-  
UNJONI GĦALL-  
AFFARIJET BARRANIN U L-  
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 13.8.2018  
JOIN(2018) 25 final

2018/0307 (NLE)

Proposta Konġunta għal

### DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-Awstralja, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet tal-Komitat Konġunt dwar ir-Regoli ta' proċedura tal-Komitat Konġunt u l-adozzjoni tat-termini ta' referenza tas-sottokomitati u l-gruppi ta' ħidma**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### **1. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-Awstralja, fuq in-naħa l-oħra.

#### **1.1. Il-Ftehim Qafas bejn l-UE u l-Awstralja**

Il-Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-Awstralja, fuq in-naħa l-oħra ("il-Ftehim") għandu l-għan li jstabbilixxi sħubija msaħħa bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha u l-Awstralja u li japprofondixxi u jsaħħaħ il-kooperazzjoni fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' interess reċiproku, u jirrifletti valuri kondiviżi u prinċipji komuni, inkluż permezz tal-intensifikazzjoni tad-djalogu f'livell għoli. Il-Ftehim se johlq qafas koerenti u legalment vinkolanti għar-relazzjonijiet tal-UE mal-Awstralja.

#### **1.2. Il-Kumitat Konġunt**

Il-Kumitat Konġunt huwa mwaqqaf mill-Artikolu 56 tal-Ftehim. Il-kompiti prinċipali tiegħu huma li jiffaċilita l-implimentazzjoni u javvanza l-għanijiet ġenerali tal-Ftehim, kif ukoll li jżomm il-koerenza ġenerali fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Awstralja. Funzjonijiet oħra tal-Kumitat Konġunt jinkludu: li jimmonitorja l-iżvilupp tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Awstralja; li jwettaq skambju ta' fehmiet u jagħmel suġġerimenti dwar kwalunkwe kwistjoni ta' interess komuni; li jagħmel sforz biex isolvi t-tilwimiet li jistgħu jinqalgħu fl-oqsma koperti bil-Ftehim.

Il-Kumitat Konġunt jagħmel rakkomandazzjonijiet u jadotta deċiżjonijiet, fejn xieraq, biex jagħti effett lill-aspetti speċifiċi ta' dan il-Ftehim. Il-Kumitat Konġunt jopera b'kunsens u jiltaqa' fil-livell ta' uffiċjali għolja. Il-Kumitat Konġunt jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess. Huwa jista' jstabbilixxi sottokumitati u gruppi ta' ħidma biex jittrattaw kwistjonijiet speċifiċi.

#### **1.3. L-att previst tal-Kumitat Konġunt**

L-għan tal-atti previsti huwa li jadottaw, skont l-Artikolu 56(4) tal-Ftehim, ir-Regoli ta' proċedura li huma l-bażi tal-organizzazzjoni tal-Kumitat Konġunt u t-termini ta' referenza tas-sottokumitati u l-gruppi ta' ħidma biex jippermettu l-implimentazzjoni tal-Ftehim.

### **2. IL-POŻIZZJONI LI GħANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI**

Il-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni jenħtieġ li timmira lejn l-adozzjoni tar-Regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt bejn l-UE u l-Awstralja u t-termini ta' referenza tas-sottokumitati u l-gruppi ta' ħidma. Jenħtieġ li l-pożizzjoni tkun ibbażata fuq l-abbozzi ta' deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt.

### **3. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORIZZJONALITÀ**

#### **3.1. Bażi ġuridika proċedurali**

##### *3.1.1 Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu "l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim".

Il-kunċett ta' "atti li jkollhom effetti legali" jinkludi atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw is-sede inkwistjoni Dan jinkludi wkoll strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "jistgħu jinfluwenzaw b' mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni"<sup>1</sup>.

### *3.1.2 Applikazzjoni għall-każ preżenti*

Il-Kumitat Konġunt huwa korps stabbilit mill-Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-Awstralja, fuq in-naħa l-oħra.

L-atti li l-Kumitat Konġunt huwa msejjaħ biex jadotta jikkostitwixxu atti li għandhom effetti legali. Dan għaliex, skont l-Artikolu 56(3)(i) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt irid jadotta deċiżjonijiet, li huma vinkolanti fuq il-Partijiet tal-Ftehim.

L-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

## **3.2. Bażi ġuridika sostantiva**

### *3.2.1 Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament fuq l-oġettiv u l-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tiġi adottata pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala l-ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi ġuridika sostantiva unika, jiġifieri dik rikjesta mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

Fir-rigward ta' att previst li simultanjament isegwi għadd ta' għanijiet, jew li għandu diversi komponenti, li huma inseparabbilment marbuta mingħajr ma wieħed ikun inċidentali għall-ieħor, il-bażi ġuridika sostantiva ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE se jkollha tinkludi, eċċezzjonalment, id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti.

### *3.2.2 Applikazzjoni għall-każ preżenti*

L-atti previsti għandhom l-għan li jippromwovu l-oġettivi tal-Ftehim u li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tiegħu.

Il-Ftehim isegwi l-għanijiet u jinkludi komponenti mill-oqsma tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, il-Politika Kummerċjali Komuni u l-kooperazzjoni teknika ma' pajjiżi żviluppati. Dawn l-aspetti tal-Ftehim huma marbuta b' mod li ma jistgħux jinfirdu minn xulxin u mingħajr ma wieħed mhu inċidentali għall-ieħor. L-iffirmar tal-Ftehim hu bbażat fuq l-Artikolu 37 tat-TUE, l-Artikolu 207 tat-TFUE u l-Artikolu 212(1).

L-att previst għalhekk jenħtieġ li jkun ibbażat fuq l-istess bażijiet ġuridiċi sostantivi.

## **3.3. Konklużjoni**

Għalhekk, fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 37 tat-TUE, l-Artikolu 207 tat-TFUE u l-Artikolu 212(1) tat-TFUE li jinqraw flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

---

<sup>1</sup> Il-Kawża C-399/12 Il-Ġermanja vs Il-Kunsill (OIV), ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61-64.

Proposta Konġunta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-Awstralja, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt dwar ir-Regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt u l-adozzjoni tat-termini ta' referenza tas-sottokumitati u l-gruppi ta' ħidma**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 207 u 212(1) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-Awstralja, fuq in-naħa l-oħra<sup>2</sup> ("il-Ftehim"), ġie ffirmat fi Brussell fis-7 ta' Awissu 2017 u ġie applikat b'mod proviżorju minn [...];
- (2) L-Artikolu 56(1) tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt biex jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-Ftehim ("il-Kumitat Konġunt");
- (3) L-Artikolu 56(4) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konġunt jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu u li jista' jistabbilixxi sottokumitati u gruppi ta' ħidma biex jittrattaw kwistjonijiet speċifiċi;
- (4) Ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt u t-termini ta' referenza tas-sottokumitati u l-gruppi ta' ħidma jenħtieġ li jiġu adottati malajr kemm jista' jkun, sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim;
- (5) Jenħtieġ għalhekk li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt tkun ibbażata fuq l-abbozzi ta' Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt mehmużin,

ADDOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li trid tittieħed, f'isem l-Unjoni, fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt għandha tkun ibbażata fuq l-abbozzi ta' Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt mehmużin ma' din id-Deċiżjoni.

---

<sup>2</sup> ĠU L 237, 15.09.2017, p. 7.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*